# Darba Kellna Fabbrika (II)



**minn Karmenu Busuttil**

Fl-ewwel parti tal-artiklu li deher is-sena l-oħra kont semmejt x'kien isir fil-proċess tal-produzzjoni tal-inbid u l-luminata fl-azjenda Paradise. L-enfasi tal-kitba tal-lum se taqa' l-aktar fuq l-individwi li ħadmu fil-fabbrika. Fost dawn irrid ma ninsiex insemmi s-sehem tat-tfal subien li kienu jqattgħu parti minn ħinhom fil-fabbrika jew jiġru fuq it-trakkijiet tal-luminata fl-irkejjen ta' Malta fejn il-luminata u l-inbid kienu jitqassmu. Għalihom kien mezz kif setgħu jeħilsu xi ftit mid-dar imma wkoll kif setgħu jduru dawra mal-irħula u l-ibliet meta kienet tiġihom il-ħajra jagħmlu hekk. Fl-artiklu ma nonqosx li nsemmi wkoll xi aneddoti li kull meta nsemmuhom, aħna li għexna l-esperjenza ta' meta ġraw, għadhom sal-lum iġibulna memorji ħelwin. U ġieli nofs tbissima. Nikteb dwar individwi u aneddoti li lili b'xi mod kienu laqtuni. Kif ukoll dwar xi ħwejjeġ li forsi ftit nies ikunu jafu dwarhom. Bħal, ngħidu aħna, meta Ħal Safi kellu s-sistema bankarja tiegħu (speċi ta').

It-tfal subien tar-raħal kien jilħqilhom. Kienu jaraw x'jagħmlu biex kemm jista' jkun iqattgħu ħafna mill-ħin tagħhom barra minn djarhom. Ma kien ikun xejn rari li fi djarhom kien ikollhom jissaportu l-qrid tal-omm jew tal-missier biex jagħmlu xi ħaġa utli fid-dar, forsi fl-għalqa, jew biex jaqbdu xi ktieb. Għalihom l-ambjent tal-fabbrika kien ikun dejjem aktar ħaj, dejjem b'xi ħaġa ġdida għaddejja, u fejn setgħu jsibu xi ħabib jew tnejn. Żid ma' dan, fil-fabbrika kienu jsibu min jagħtihom xi flixkun luminata, jew xi ftit inbid, għal xi qadja li kienu jidħlu għaliha. Bħal meta kienu jintbagħtu s'għand il-landier, Ġanmari ta' Qnieċel, li kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu f'tarf ir-raħal, biex isewwu xi barmil taż-żingu jew xi kazzola kbira.

Ġanmari ma kellux xi karattru tgħidlu ħelu. Imma ma tistax tgħid li ħanutu ma kellux il-ħlewwa tiegħu. Jekk għalxejn, minħabba fl-atmosfera xi ftit mhux tas-soltu li l-ħanut kellu. Il-ħitan tal-ħanut, li kien twil u dejjaq, kienu jkunu miksija nugrufun li kien joħroġ mill-ispiritiera tal-istim li kienet tkun dejjem għaddejja. Il-purtieri tal-għanqbut, minsuġin fl-irkejjen u neżlin mit-travu, kienu xi ħaġa li wieħed kien jista' jammira waqt li kien jistenna 'l Ġanmari jlestilu x-xogħol. Tidħol għand Ġanmari u mnifsejk kienu jintlaqtu minn xokk. Kienet tolqtok ir-riħa ta' pitrolju jinħaraq, ta' spirtu tal-ispiritiera, tal-ġmied stess li weħel matul is-snin ma' kull ħaġa li kien hemm fil-ħanut. Kont trid tissaporti wkoll ir-riħa tal-ispirtu tal-melħ li Ġanmari kien juża biex inaddaf ir-roqgħa fejn kellu jsewwi bl-istann, kif ukoll ir-riħa tal-istann innifsu hekk kif kien idub bis-sħana tas-saldatur.

Xogħol ieħor li l-ġuvnotti kienu jiġu mitluba jagħmlu kien dak li jwasslu l-kaxxi bl-inbid u l-luminata fil-ħwienet tax-xorb tar-raħal b'karettun tal-idejn, miżbugħ aħdar. Għand Ġorġa ta' Dewxina fi Triq San Pawl, sal-ħanut ta' Kelina ż-Żinnuwwa f'waħda mill-kantunieri tal-misraħ, dak ta' Wiġi ta' Mena, il-Blue Star Bar fi Triq Santa Marija u l-Queen's Bar ta' Frenċ, fil-pjazza. Fil-pjazza wkoll, b'dar biss bejniethom, Pawlu Zammit, ħu Frenċ, kellu wkoll il-ħanut tax-xorb tiegħu, li mbagħad ċeda postu għal dak ta' ħuh. Dawn kienu l-ħwienet tax-xorb li, għalkemm ma kinux bogħod minn xulxin, għaliex f'raħal hekk żgħir, kellhom il-karatteristika unika tagħhom. L-ebda wieħed minn dawn il-ħwienet ma baqa'.

F'kantuniera oħra tal-misraħ, faċċata tal-kantuniera fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp, kien hemm ukoll ħanut ieħor tax-xorb. Il-ġenerazzjoni tiegħi ftit li xejn niftakruh. Dan kien il-ħanut tan-Naħla, proprjetà ta' Karmnu Busuttil.



*Misraħ San Ġużepp: ritratt ta' xi 70 sena ilu. Manwel tal-Ispettur, sid il-fabbrika, jidher ħiereġ mis-sqaq Ta' Żagħruna. Ċikku ta' Fonzu, fuq ix-xellug u Ġorġa Busuttil (aktar tard Zammit), fuq il-lemin, jidhru fil-bieb tal-ħanut In-Naħla. Iż-żewġt iħbieb fin-nofs tar-ritratt huma Ġanni Cachia u Ġanni Mangion. In-Naħla kien jiġi z-ziju ta' Ġorġa, ħu Nardu, missierha*

Pawlu Mifsud (Rasaj) kien involut mal-azjenda Paradise sa minn tfulitu. Fost l-affarijiet li wieħed jiftakar dwaru kienet il-ħabta li kellu biex isolvi l-kriżijiet tal-ġurnata tax-xogħol li kienu jinqalgħu fil-fabbrika minn żmien għal żmien. Kont tinnota li fejn kien ikun hemm Rasaj, soluzzjoni aktarx kienet tinstab. Tista' tgħid għal kollox, u tista' tgħid dejjem. Insemmi xi eżempji. Meta darba fettillu jiġi ċertu uffiċjal tas-sanità biex jara l-ħaddiema fejn jinħaslu qabel imorru lura d-dar, kollox deher li lid-diriġenti tal-fabbrika, tas-sanità kienu se jkagħbruhom. Imma Pawlu ħa l-problema f'idejh. Ħadu

fuq in-naħa ta' wara tal-fabbrika, fil-bitħa li kienet tagħti għal fuq ġnien li fih kien hemm siġra kbira taż-żebbuġ. Meta tas-sanità baqa' jinsisti biex jara fejn kienet il-kamra tal-banju li fiha kienu jinħaslu l-ħaddiema, Pawlu qallu li d-doċċa hemm kienet, quddiemhom.

"Quddiemi fejn?" kompla l-uffiċjal ma jistax jifhem. Dan għaliex kulma kien qed jara quddiemu ma kienet xejn għajr siġra kbira taż-żebbuġ.

"Hemm quddiemek!" reġa' qallu Pawlu. "M'intix taraha s-siġra taż-żebbuġ?"

"Allura?" kompla l-ieħor.

"Id-doċċa nagħmluha aħna. Min ikun irid jinħasel qabel imur id-dar, iwaħħal pajp mal-vit tal-ilma, idendlu ma' fergħa tas-siġra... u hekk ikollu l-isbaħ doċċa. Li jonqos ikun li dak li jkun jiftaħ il-vit u jmur taħt l-ilma nieżel. Ħadd qatt ma qal li ma jinħasilx tajjeb, jekk kien jixtieq," fissirlu Rasaj.

Meta Manwel Busuttil, sid l-azjenda, kien joħroġ fuq il-luzzu li kellu ma' xi żewġt iħbieb biex jistadu, mhux l-ewwel darba li waqfu f'nofs ta' baħar. Imma jekk Pawlu Rasaj kien ikun parti mill-ekwipaġġ, wieħed qajla kien ikollu għaliex jinkwieta. B'xi mod, wara li kien isib xi biċċa sand-paper, xi biċċa fildiferruwa, xi biċċa lakstu li seta' kien hemm fuq il-luzzu dakinhar, il-magni kienu jerġgħu jieħdu l-ħajja u l-luzzu kien isib triqtu bil-mod lejn il-bajja ta' Birżebbuġa. L-istess meta kienu jieqfu l-magni tal-fabbrika, Pawlu kien ifittex xi biċċa skalpell, xi biċċa ċinga, xi biċċa molla, xi daqsxejn ta' biċċa pjanċa, u l-magni kienu jkomplu jaħdmu.



Fost affarijiet oħra, sajjied prim: Pawlu Rasaj fuq il-lanċa tiegħu

Anke meta xi ħadd ġietu l-idea li l-azjenda Paradise kellha tieħu sehem fil-karnival, Pawlu, flimkien maz-ziju Kelinu, kien il-moħħ wara l-kostruzzjoni tal-karru. B'ġabra ta' serratizzi u bċejjeċ ta' xi twavel, li mbagħad ġew miksija bi xkejjer tal-patata li kienu ġew miftuħa biex jgħattu l-qafas tal-injam, kienet ġiet kostruwita bħal speċi ta' pjattaforma fuq wieħed mit-trakkijiet tal-luminata. Fuq din l-istruttura tal-injam, dawk li ħadu sehem ippreżentaw ruħhom bħala numru ta' ħbieb ġo xi ħanut f'xi raħal jixorbu l-inbid u l-birra. Għaliex wara kollox, il-karru l-iskop tiegħu dak li kien, skuża biex tiġi rreklamata l-birra Ġermaniża Union Bier li l-Paradise kienu bdew jimpurtaw. F'ritratt li għandna li juri l-karru għaddej fit-toroq tal-Belt jidhru l-posters tad-Dortmunder Bier, kif kienet ukoll tissejjaħ din il-birra, imwaħħlin mal-ixkejjer li semmejna.

Kif kont irrakkontajt fil-magazine tal-festa ta' snin ilu, din tal-karru tal-karnival għal daqsxejn ma spiċċatx ħażin. Dan għaliex il-karru ħadd ma kienet ġietu f'moħħu jirreġistrah mal-organizzaturi tal-karnival ta' dik is-sena. Għalhekk il-pulizija kienu ġew mitluba jarrestaw lil dawk li kienu fuqu. Sakemm xi ħadd rasu fuq għonqu minnhom irrealizza li dawk ta' fuq il-karru ma kienu ħadd għajr erba' bċieċen li minnhom ħadd ma kien għaddielu minn moħħu li biex tgħaddi siegħa jew tnejn iddur mat-toroq tal-Belt Valletta, waqt li forsi tiżżufjetta wkoll xi ftit, kellek titlob permess. Piju ta' Marċjol, Ċikku ta'




Il-mugs, żgħar u kbar, li d-ditta Dortmunder Bier kienet tibgħat mill-Ġermanja biex jitqassmu bħala reklam. It-tfal konna niġibdu lejn il-mugs iż-żgħar. Konna nimlewhom bl-inbid u nixorbuh minnhom, biex nimitaw 'il-kbar. U spiss konna nħossuna fis-sakra; jew nistħajlu li konna

Fonzu (li kien is-sewwieq tat-trakk) u Ġużeppi Vella (ħu Dun Karm) kienu fost dawk li daru dawra mal-belt fuq il-karru dakinhar.

Pawlina ta' Grezz kienet oħra mill-ħaddiema li taw servizz twil fil-fabbrika. Fost ix-xogħol li kienet tagħmel ta' ħasil ta' fliexken, mili tal-luminata u nbid, kienet ukoll tagħmilha ta' infermiera. B'numru ta' fliexken jinkisru kuljum, bi ħġieġ jintrifes, jew anke jtir biex jeħel mad-dirgħajn, jew agħar, mal-wiċċ ta' dak li jkun meta kienu jinkisru l-fliexken waqt il-mili tagħhom, bi swaba' jinqabdu bejn il-flixkun u l-massa ħadid li kienet tinżel biex tagħlaq it-tappijiet fuq il-fomm tal-fliexken tal-luminata, il-fabbrika dejjem kellha bżonn ta' infermiera. Kellek ukoll l-inkwiet li kien joħloq in-naħal u ż-żunżan li kienu jiġu jieħdu s-sehem tagħhom tal-ġulepp u z-zokkor waqt il-manifattura tal-luminata. Numru ta' ħaddiema kienu, ta' kuljum tista' tgħid, ilaqqtu xi xewka, ġieli taħt għajnejhom. Kien xogħol Pawlina ddewwi l-feriti u taqla' x-xewk tan-naħal u ż-żunżan kif ukoll il-frak tal-ħġieġ bil-pinzetta. Pawlina kienet xebba tal-Mużew u għal dan ix-xogħol kellha l-ħlewwa meħtieġa fi mġibitha, kif ukoll delikatezza kemm trid f'idejha.



*L-infermiera tal-fabbrika: Pawlina ta' Grezz*

Kien hemm imbagħad min jiżloq fuq l-art aktarx dejjem niedja jew imxarrba tal-fabbrika, b'konsegwenzi mhux dejjem feliċi. Mhux l-ewwel darba li l-kaxxi tal-luminata jew l-inbid kienu jaqgħu fuq dak li jkun għaliex kienu jkunu ġew stivati ħażin. Kellek ukoll nies isewwu l-kaxxi tal-injam, bi skaldi sikwit deħlin f'subgħajhom. Imma l-aktar inċident ikreh li seħħ fil-fabbrika kien meta ċerta tfajla minn Ħal Far qabditha waħda miċ-ċineg kbar li kienu jħaddmu l-magni u sa qattgħetilha ħwejjiġha. Lil Karmena ħaduha għand Manann (jiġifieri fid-dar ta' sid il-fabbrika) fejn dewwewha kif setgħu u tawha ħwejjeġ oħra.

Bosta drabi l-ħaddiema rġiel kienu jgħabbu t-trakkijiet għal-lest minn filgħaxija biex filgħodu kienu jsibuhom lesti u jitilqu bihom kmieni, u hekk ma jaħlux dik is-siegħa, siegħa u nofs ta' filgħodu. Kont tara trakkijiet sħaħ sejrin lejn il-Birgu, Bormla, l-Isla, Tas-Sliema, San Ġiljan, iż-Żurrieq u Ħaż-Żabbar, fost lokalitajiet oħra. Ġieli l-kaxxi kienu jaqgħulhom fit-triq, l-aktar f'xi telgħa wieqfa, għaliex il-ħaddiema kienu jkunu għabbewhom fil-għoli wisq, jew għaliex ma kinux ikunu rabtuhom sew bil-ħbula. Dil-biċċa inkwiet ma kinitx rari, minbarra li kienet ukoll biċċa wġigħ ta' ras kbir. Kien ikollok tiġbor il-fliexken imkissrin mill-art f'nofs ta' triq, terġa' tgħabbi l-kaxxi fuq it-trakk, imbagħad tmur lura lejn Ħal Safi fejn kien ikollok toqgħod tispjega għaliex il-kaxxi waqgħulek. Imma kien ikun dejjem mument ta' sodisfazzjon, meta kont tara t-trakkijiet mgħobbija kull filgħodu sejrin lejn id-destinazzjonijiet tagħhom, prodott ta' tant sigħat, anzi ġranet, ta' xogħol.




*Xi tikketti li kienu jitwaħħlu bl-idejn fuq il-fliexken*

Waqt il-ħin tal-mistrieħ tagħhom il-ħaddiema kienu jpoġġu fuq il-kaxxi tal-inbid jew tal-luminata u jiftħu l-karti strazzi li fihom kienu geżwru l-ħobż qabel telqu minn djarhom. Il-ħaddiema rġiel, l-aktar dawk minn Ħal Safi, kien ikollhom ġenn biex imorru jieklu l-kolazzjon tagħhom u jgħidu kelma ma' rġiel oħra fuq is-salib ta' ħdejn il-kappella ta' Santa Marija, erba' passi 'l bogħod mill-fabbrika. Sittin, ħamsin, erbgħin sena ilu s-salib kien wieħed mill-kalamiti li kien jattira l-irġiel u l-ġuvintur tar-raħal. Fuq is-salib, matul il-ġurnata, kont issib il-pensjonanti rġiel, dawk li kienu jkunu xogħol billejl u dawk li kienu jagħmlu xogħol għal rashom u fl-għelieqi.

Minbarra 'l Rasaj u Pawlina ta' Grezz, fost il-bosta ħaddiema minn Ħal Safi kellna 'l Karmnu ta' Manann, Pawlu Muscat, Leli ta' Ġola, Peppi ta' Ġelarda, Pawlu tal-Fokkli, Joe ta' Pawlika, Ġanna ta' Karmnu taż-Żann, Anġla ċ-Ċinċinn, Ġanmari Busuttil u Fransi tal-Ħajsu. Imma l-ħaddiema tal-Paradise ma kinux kollha minn Ħal Safi. Kienu jiġu, irġiel u nisa, miż-Żurrieq, min-Nigret l-aktar, imma saħansitra mill-Qrendi, miż-Żejtun u anke mill-Imġarr u l-Gżira. Ħaddiema ġejjin minn lokalitajiet differenti kienu jġibu magħhom l-użanzi, l-istejjer, il-

mod ta' ħajja li għalina ta' Ħal Safi konna nsibuhom kultant tant differenti minn tagħna, jekk mhux ukoll ġieli aktarx strambi. Meta l-ħaddiema tan-Nigret kienu jeħduni magħhom u juruni l-ħajja li kellhom hemm, fi djarhom, fil-ħwienet tax-xorb tagħhom, fit-triqat ma ħbiebhom, kont xi ftit tħoss li ġejjin kważi minn pajjiż jew dinja oħra.

Karmnu t-Toby, wieħed mill-ħaddiema min-Nigret (iż-Żurrieq), kien emigra lejn il-Kanada biex isib xorti aħjar. Karmnu kien baqa' jiktbilna xi ittra b'Malti li ma kontx issejjaħlu tajjeb ħafna, imma li kien beda jakkwista togħma Kanadiża, li aħna d-dar konna niggustaw meta naqraw l-ittri.

Waħda mill-użanzi li l-azjenda kellha kienet dik li tieħu, fuq it-trakkijiet tagħha, il-btieti lejn il-Qajjenza, Birżebbuġa. Hemmhekk kienet tinstab blata ċatta fejn il-btieti setgħu jitniżżlu għal fuqha. Dan kien isir permezz ta' żewġ lasti twal tal-injam ħoxnin li f'tarf minnhom kellom speċi ta' ganċ ċatt. Dan il-ganċ kien jidħol ġo toqba apposta għalih fuq in-naħa ta' wara tat-trakk. Il-btieti kienu jiġu rrumblati 'l isfel minn fuq it-trakkijiet b'ħafna attenzjoni fuq iż-żewġ lasti li t-tarf l-ieħor tagħhom kien jistrieħ fuq il-blat. Meta kienu jkunu sabu posthom fuq il-blat, il-btieti kienu jimtlew bl-ilma baħar, permezz ta' pompa tal-ilma jew tal-bramel li kienu jgħaddu minn ħaddiem għall-ieħor meta l-pompa kienet tieqaf. Il-btieti kienu mbagħad jitħallew għal żmien twil bl-ilma fihom biex b'hekk jisimnu u ma jibqgħux inixxu l-inbid li wara kellu jinħażen fihom.

Benefiċċju ieħor ta' dil-battikata kollha kien li b'riħet hekk il-btieti kienu wkoll jinħaslu u jeħilsu minn xi materjal li seta' jmarrad l-inbid li kien se jitqiegħed fihom aktar 'il quddiem. (Meta konna żgħar il-baħar kien meqjus bħala post ta' ndafa kbira, mhux bħat-tniġġis li nassoċjaw miegħu llum. Il-baħar kien ifejjaqlek bosta gwaj bħal influwenza, xi ponot, jew xi ġerħa li seta' jkollok.) Wara, imbagħad, il-btieti kienu jitbattlu mill-ilma baħar, jerġgħu jitgħabbew fuq it-trakkijiet permezz tar-rampi tal-injam li diġà semmejna, biex jerġgħu jittieħdu Ħal Safi fejn kienu jerġgħu jsibu posthom fil-fabbrika, jistrieħu mimdudin fuq travi ħoxnin tal-injam. U hekk, indaf u msemmna, kienu jerġgħu jkunu lesti biex jirċievu l-inbid mill-ġdid.

Imma darba seħħet xi ħaġa li żiedet it-tbatija ta' dal-proċess kollu. Ċemplulna mill-għassa ta' Birżebbuġa li l-mewġ kien kaxkar għal ġol-bajja l-btieti li kellna fuq ix-xatt. Raw kif setgħu jsalvaw xi ftit minnhom billi forsi xi ħaddiema setgħu jintrabtu bil-ħbula u joħorġu għalihom waqt il-maltempata. Imma fl-aħħar sabu 'l xi ħadd li offra biex joħroġ għalihom b'dgħajsa. Imma tant kien għamel ħsara l-maltemp li mill-btieti, x'wieħed seta' jsalva, ftit kien baqa'.

Meta kienu jiġu l-kaxxi tal-luminata jew l-inbid ġodda kienet tkun qisha kien hemm żieda fil-familja. Kienu jkunu kaxxi riħa ta' njam maħdum frisk, miżbugħin b'likwidu ħamrani, intenzjonat bħala preservattiv tal-injam. Kont titħassarhom dawk il-kaxxi meta ftit wara kienu jibdew jitkagħbru bix-xogħol wara biss ftit ġimgħat ta' użu. Kienu jkunu kaxxi tqal, mhux bħal tal-lum, li jsiru tal-plastik. Kienu jsiru ferm itqal meta jixxarbu waqt il-ħasil tal-fliexken jew fix-xitwa bix-xita. Ma kinetx ċajta għal min kien ikollu jtella' l-kaxxi xi sular jew tnejn fil-flattijiet ta' Tas-Sliema, San Ġiljan, jew il-Gżira.

Avventura kbira oħra, għat-tfal subien almenu, kienet tkun il-wasla tal-fliexken ġodda. Dawn kienu jiġu f'balal kbar tat-tiben. Moħbija fit-tiben biex ma jinkisrux kien ikun hemm numru kbir ta' fliexken. Xogħol it-tfal kien ikun li jgħoddsu għalihom fil-fond kemm jistgħu biex jaraw min minnhom kellu l-ħila jsib fliexken l-aktar. Il-fliexken li niftakar jien kienu jiġu minn Spanja. Id-disinji ta' x'kellu jidher fuq il-fliexken kienu jintbagħtu minn Malta. Għat-tfal kienet tkun xalata kbira u mistennija. Imma għal min kien ikollu jara kif jeħles minn dak it-tiben kollu, mifrux kif kien isib ruħu mal-fabbrika kollha, ċajta ma kinetx.

Minbarra l-inbid u l-luminata li l-azjenda Paradise kienet tipproduċi u l-birra Ġermaniża li kienet timporta minn Dortmund, kienet ukoll liċenzjata timla maskta



*Fliexken tal-bidu, fejn tidher l-emblema tad-ditta Paradise ibbuzzata fil-ħġieġ: Eva taqta' l-frotta mis-siġra*

Frančiża, kif ukoll vermut mill-Italja. L-ibbottiljar ta' dawn l-aħħar żewġ prodotti barranin wieħed jiftakru sew. Dan l-aktar minħabba fl-atmosfera ta' serjetà kbira li kienet tirrenja waqt l-ibbottiljar tagħhom. Iżda wkoll minħabba fir-riħa ta' għeluq u ta' moffa tal-imħażen fejn dax-xogħol kien isir.

Għalkemm ir-riħa tal-moffa kienet ukoll tkun imħallta mal-fwieħa ħelwa tal-vermut jew maskta li kienet toħroġ mill-btieti hekk kif kienu jinfetħu biex l-kontenut ta' ġo fihom kien jibda ħiereġ minnhom biex jimtlew il-fliexken. Il-lok fejn konna mmorru biex nimlewhom, dawn iż-żewġ prodotti alkoħoliċi, kien, jidhirli, l-imħażen ta' Pinto, il-Belt Valletta.

L-operazzjoni kollha kienet issir fi skiet kbir taħt għajnejn l-uffiċjali tad-dwana. Dawn kienu jkunu kollha lebsin l-iswed jew griż skur, għassa ta' kulma kien ikun qed isir quddiemhom. Dejjem bilwieqfa, ma jkellmu lil ħadd, ma jitbissmux, ħadd ma jkellimhom. Kont tħoss il-gravità ta' operazzjoni li kienet tinvolvi l-ħlas tas-sisa, taxxa fuq kull flixkun li kien jimtela. Meta kienu jaslu l-btieti bix-xorb minn barra, l-azjenda kienet tiġi notifikata mid-dwana, biex imbagħad kien isir appuntament sabiex il-ħaddiema kienu jistgħu jmorru bil-makkinarju tal-mili tal-fliexken. Dejjem fis-silenzju u taħt sorveljanza serja u stretta. Kollox fis-skiet. Aħna konna wkoll nirrispettaw dik l-atmosfera ta' gravità u konna nżommu s-skiet mistenni minna. Nitkellmu biss minn taħt l-ilsien, u biss jekk kien ikun hemm bżonn.

Mal-produzzjoni tal-luminata u l-inbid, l-importazzjoni tal-birra, mili ta' prodotti bħal vermut u maskta, wieħed kien jinnota li Manwel Busuttil kellu ħabta jinkariga ruħu wkoll b'affarijiet oħra. Minn dawn insemmi biss ħaġa waħda. Numru ta' ħbieb u qraba tiegħu, li fosthom kien ikun hemm min aħjar ma nafx x'kont tgħidlu milli biex jidħol sal-Belt, kienu jitolbuh jagħmlilhom pjaċir kbir. Kienu jqabbduh joħdilhom flushom u jiddepożitahomlhom f'xi bank il-Belt. Fost il-"klijenti" li kellu, kellu l-aħwa taż-Żann. Ħal Safi la llum u wisq anqas dak iż-żmien, ma kellux bank. U lanqas ir-raħal ġar tagħna ż-Żurrieq, fejn illum issib tnejn.

Dawk li kellhom il-ħsieb jiddepożitaw flushom kienu jeħduhom għandu ġo xi sarvetta, xi investa, jew xi biċċa karta kbira li setgħu jakkwistaw. Inviloppi kbar jew brief-cases jidher li dak iż-żmien kienu għadhom mhux moda f'Ħal Safi. Kif lanqas ma kont issib boroż tal-plasik kull meta kont tixtieq; kien żmien imbierek u sabiħ. Imbagħad, flimkien ma' Pawlu Rasaj, li kien jieħu ħsieb iġorr il-flus kollha miġbura ġo xkora, kienu jerħulha lejn il-Belt Valletta biex isibu bank għad-depożitu tal-flus. Anke meta kienu jgħaddu s'għand tal-pastizzi jieħdu te, moħħhom kien ikun mhux fil-pastizzi jew fit-te, imma l-aktar fix-xkora.

Jekk toqgħod taħseb, kienet sistema li maż-żmien il-banek donnu għoġbithom u raw kif addottaw. Illum il-banek jiftaħru li l-klijenti tagħhom jistgħu jmexxu l-affarijiet ta' flushom mill-kumdità ta' darhom. Imma bosta snin qabel, Ħal Safi kien diġà skopra dan it-tip ta' sofistikazzjoni. Il-klijent minn Ħal Safi ma kellux bżonn imur il-bank, joqgħod fil-kju jaħli l-ħin, jiġri minn skrivan għal ieħor, mitlub jiffirma numru ta' bċejjeċ ta' karti mingħajr eżattament ma kien ikun jaf il-għala.

Lura Ħal Safi, Manwel u Pawlu Rasaj kienu jagħtu lura l-kotba tal-bank lil individwi li kienu fdaw il-flus f'idejhom, flimkien mal-imgħax li jkunu ġibdulhom. Forsi dik ta' Ħal Safi ma kinetx sistema bankarja bħal tal-banek ta' Londra. U lanqas bħal dawk ta' New York. Imma tidher li għal numru ta' snin kienet taħdem.

Din, mela, flimkien ma' xi rqaqat li ġew inklużi f'dan l-artiklu bit-tama li huma wkoll jitfgħu dawl fuq raħalna ta' żmien ieħor, kienet l-istorja tal-fabbrika li Ħal Safi darba kellu.

Il-Kumitat tal-Każin San Pawl
jixtieq javża illi għandu għall-bejgħ
CDs u Badges
ta' San Pawl.
Dawn jistgħu jinxtraw
mingħand il-kumitat.